MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2001

Numru 417/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**vs**

**German Cassar  ta' 25 sena, iben missier mhux maghruf u Jane Cassar, mwieled  tal-Pieta' fis-6 ta' Settembru, 1973, u residenti Flat 2, Carmel, Flat Garden Street, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405873 (M).**

**Illum 16 ta' Mejju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi German Cassar li gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju, 1999 fl-inhawi tal-Gzira f'xi hin wara nofsinhar wettaq serqa ta' mobile phone tal-ghamla Siemens GSM minn gol-vettura tal-ghamla Daewoo bin-numru ta' registrazzjoni HAC-117, ghad-detriment ta' Mario Agius, detentur tal-karta ta' l-identita' 342454(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix Lm1,000 u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 13).

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li kien wiegeb li hu ma kienx hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-verbal tat-28 ta' Lulju, 1999 fejn il-partijiet qablu li l-mobile u l-bettery suggett ta' din l-akkuza komplessivament ghandhom valur ta' inqas minn Lm1000.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat.

Li a tempo vergine fl-istqarrija tieghu l-akkuzat German Cassar kien ammetta li hu kien seraq telecell minn go vettura pparkjata fl-inhawi tal-Gzira.

Marco Agius xehed li huwa kien halla l-mobile phone tieghu gol-vettura li kienet maghluqa, gharaf l-istess mobile phone, kkonferma li n-numru tieghu kien dak ta' 0942 0551 u ta' dan esebixxa d-dokument MA biex jipprova li hu kien is-subscriber tan-numru hawn indikat.

Telghu jixhdu ukoll Antoine Mifsud u Joseph Gatt it-tnejn Ufficjali tal-agenzija Caritas biex jixhdu dwar il-progress li l-imputat qed jaghmel fil-programm li kien qed isegwi fi hdan l-istess agenzija kontra l-vizzju ta' l-abbuz tad-droga. Mix-xhieda ta' dawn jidher li maggorment l-imputat kien qed juri attitudni posittiva lejn l-istess programm u li kien ben motivat biex johrog mill-problema li kellu. Nonostante

cioe pero’ irrizulta wkoll li huwa kien ghal xi zmien splittja, pero’ jidher li rega rritorna fi hdan l-istess programm minn jeddu.

Ikkonsidrat.

Illi l-Qorti hija pjenament konvinta mill-htija ta’ l-akkuzat u dan ai termini ta’ l-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), tilliberah mill-aggravju tal-valur stante l-verbal gia msemmi. Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-imputat li tindika li l-istess Cassar ma gharafx jiehu l-vantaggi lilu moghtija taht il-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tqis pero’ illi in vista ta’ l-attitudni tieghu posittiva qeghda, wara li rat li dan ir-reat gie kommess barra z-zmien operativ ta’ sentenza sospiza, ghalhekk qeghda tinvoka l-artikolu 28A tal-kap 9, tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin, u dan taht ordni ta’ supervizjoni kontemplat taht l-artikolu 28G tal-Kap 9 u tahtar ghal dan l-iskop lil Marietta Lanzon ghal perjodu ta’ sentejn u dawn taht il-kundizzjonijiet infraskritti ma’ l-ordni annessa.

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.**

**Kumpilazzjoni 417/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**vs**

**German Cassar ta’ 25 sena, iben**
**Missier mhux maghruf u Jane Cassar,**
**mwieled tal-Pieta’ fis-6 ta’ Settembru, 1973,**
**u residenti Flat 2, Carmel, Flat Garden Street,**
**Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita’**

**numru 405873 (M).**

**Illum 16 ta' Mejju, 2001.**

Ordni ta' Supervizjoni that l-Artikolu 28G tal-Kap 9.

Qeghda tahtar lil Marietta Lanzon ghal zmien sentejn mill-llum bhala supervising officer taht l-hawn fuq imsemmi artikolu.

Tordna illi German Cassar joqghod ghal kull direttiva li jircevi minghand Marietta Lanzon.

Tordna lil Marietta Lanzon illi fil-prezenza ta' l-akkuzat tinforma l-Qorti kull hames gimghat dwar il-progress li qed jaghmel l-istess specjalment dwar il-progress li qed jaghmel fil-programm li qed isegwi mal-Caritas jew agenzija ohra hekk relatata, fir-rigward ta' l-abbuz tieghu tad-droga.

Tordna lil Supervising Officer li ghall-iskop hawn premess izzomm kuntatt ma' l-agenzija Caritas jew agenzija simili li fi hdan taghha German Cassar ikun qed isegwi d-debitu programm.

Tordna li l-akkuzat German Cassar izomm l-indirizz Flat 2, Carment Flat, Garden Street, Gzira u jekk ikun se jibdel l-indirizz javza lil Supervising Officer b'dan fi zmien tnax-il siegha.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.